

# L-artist t

L-impenn tas-Sezzjoni Għajnsielem fi ħdan l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex – Malta, huwa tassew wieħed notevoli u ħaqqu li jiġi apprezzat bis-serjetà. Din is-sezzjoni prattikament tista' tgħid li ma fadlilhiex x'tagħmel iżjed biex tħabbeb il-pubbliku mal-presepju; wirjiet, korsijiet, laqgħat ta' kull ġimgħa, fi kliem ieħor dejjem għaddejjin. Għal dan il-Milied qed tippreżentalna rigal bonus! Minbarra l-wirja artistika li tittella' kull sena taħt il-Knisja Arċipretali t'Għajnsielem, din is-sena ġie mistieden il-magħruf Claudio Mattei biex jesebixxi wirja ta' dijorami fil-knisja l-antika t'Għajnsielem, jiġifieri ftit passi bogħod mill-wirja l-oħra. Fuq stedina tal-ħabrieki Paul Stellini, ħadt l-okkażjoni biex nintervista proprju lil Claudio Mattei, u jkolli ngħid li minbarra li kienet l-ewwel darba li qed ninkludi intervista ma' persuna barra minn Malta, din l-intervista kienet żgur l-iżjed waħda emozzjonanti tul dawn l-aħħar tliet snin. Minn ċkunitu, Claudio kien iħossu miġbud lejn il-presepju u minflok ġugarelli, bħala rigali kien jitlob dejjem il-pasturi. Beda jaħdem il-presepji u jesperimenta, sakemm fl-1969, eżattament 50 sena ilu, esebixxa l-ewwel presepju tiegħu fil-knisja l-antika ta' Ponte San Pietro f'Bergamo. Ingħaqad mal-Assoċjazzjoni ta' Presepisti Taljani u sar jaf li fi Spanja, partikolarment fil-Katalunja u Barċellona, kienu jinħadmu d-dijorami skont il-



# presepju u dijorami Claudio Mattei





prospettiva. Mar diversi drabi Spanja biex jitgħallem it-teknika tad-dijorami u fl-1980 esebixxa l-ewwel dijorama tiegħu, tant li jista' jitqies bħala wieħed mill-ewwel esponenti tad-dijorami fl-Italja. Claudio kompla jkellimni dwar il-wirja li tittella' ta' kull sena fil-knisja fuq






imsemmija. Jgħidli li qabel kien isir presepju kbir, li llum ħadulu postu diversi xeni mill-ħajja ta' Kristu. Jagħmel parti minn grupp ta' 20 ruħ li għandhom laboratorju u fih jaħdmu sena sħiħa biex jippreżentaw wirja mill-aqwa kull Milied, u barra minn hekk isiefru f'pajjiżi oħra bħal fil-każ t'Għawdex, u jesebixxu xogħlijiethom. Il-kripta tal-knisja l-antika ta' Ponte San Pietro saret isservi bħala mużew b'wirja permanenti ta' madwar 20 presepju u dijorami esebiti. Imbagħad għal żmien il-Milied, fil-knisja jħallu l-bankijiet fuq quddiem, u fuq wara jesebixxu l-presepji u dijorami li jkunu ħadmu fuqhom matul is-sena. Biex jikkumplimentaw xogħlijiethom, ħadu ħsieb jordnaw diveri pasturi lil artisti Spanjoli bħal Martin Castells, l-aħwa Colomere u Josè Luis Mayo, minbarra oħrajn li ġabu min-Nofsinhar tal-Italja.

Din il-wirja jżuruha xejn anqas minn 30,000 ruħ fis-sena! Claudio jisħaq li llum, il-presepju sar jiġi meqjus bħala forma ta' arti. Il-kuntatt tiegħu mal-presepisti Maltin u Għawdxin imur lura mhux ħażin fis-snin, partikolarment permezz tal-kungressi u l-konvenji li jsiru. Din hija l-ewwel darba li Claudio qed itella' wirja bix-xogħlijiet tiegħu biss. Qalli li jħossu onorat li proprju f'dan il-50 anniversarju ta' ħidma presepistika kellu x-xorti li din il-wirja qed tittella' fil-gżejjer Maltin, fejn il-presepju għadu apprezzat u maħbub ħafna. Faħħarli ħafna l-knejjes ta' pajjiżna, it-tradizzjonijiet reliġjużi li għadhom qawwija fostna u l-imħabba lejn il-Milied li għandhom il-Maltin u l-Għawdxin. Claudio tenna li għal din il-wirja sab tħejjija u għajnuna aktar milli ħaseb u xtaq jirringrazzja lil Paul Stellini tal-opportunità li tah u tal-ħbiberija sinċiera tiegħu. Claudio Mattei temm jgħidli li se jżomm tifkira sabiħa ħafna f'qalbu ta' din l-okkażjoni. Il-Wirja ta' Dijorami ta' Claudio Mattei fil-knisja l-antika t'Għajnsielem qed tkun miftuħa kuljum għall-pubbliku sat-12 ta' Frar 2020.